MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018

Rikors Numru 1113/2017 LM

**George Spiteri (K.I. Numru 609855M)**

***vs.***

**Marsaxlokk Football Club; u**
**Robert Micallef (K.I. Numru 137874M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2017 minn **George Spiteri** (K.I. Numru 609855M) ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' kuntratt iffirmat fl-14 ta' Diċembru, 2009 flimkien ma' ħames (5) kambjali iffirmati kontestwalment, l-intimati intrabtu in solidum li jħallsu lir-rikorrent is-somma globali ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) fid-dati li fihom immaturaw l-imsemmija kambjali ossija fil-31 ta' Awwissu, 2010, fil-31*

*ta' Awwissu, 2011, fil-31 ta' Awwissu, 2012, fil-31 ta' Awwissu, 2013 u fit-30 ta' Mejju, 2014 (Vide. Dok. A);*

2. *Illi s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) tirrappreżenta prezz għat-trasferiment ta' plejer tal-futbol Andrew Spiteri sabiex dan jibda jippresta s-servizzi professjonali tiegħu lill-klabb intimat;*

3. *Illi l-partijiet ftiehmu illi kellu jiddekorri l-imgħax bl-ogħla rata permessa f'każ illi kwalunkwe waħda mill-imsemmija kambjali tibqa' ma tiġix onorata;*

4. *Illi sal-lum ma tħallas xejn mill-ammont dovut;*

5. *Illi peress li għaddew iżjed minn ħames (5) snin minn meta setgħu jiġu esegwiti l-ewwel tliet (3) kambjali, ir-rikorrent qiegħed peremezz tal-preżenti jitlob l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jesegwixxi dawn il-kambjali fil-konfront tal-intimati;*

6. *Illi l-kreditu hu wieħed ċert, likwidu u dovut naxxenti minn titolu eżekuttiv;*

7. *Illi għalkemm interpellati sabiex jaddivjenu għall-ħlas dovut permezz tal-ittra uffiċjali numru 3551/15, l-intimati baqgħu inadempjenti u s-somma għadha dovuta fl-intier tagħha;*

8. *Illi din l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet ikkontestata mill-intimati permezz ta' żewġ rikorsi bin-numri 1081/15LM u 188/16LM, liema rikorsi għadhom sal-lum sub judice;*

9. *Illi f'każ li t-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmiija kambjali jiġu miċħuda, ir-rikorrent għandu jkollu d-dritt li jesegwixxi t-titolu tiegħu kontra l-intimati mingħajr xkiel ulterjuri;*

10. *Illi skont il-ġurisprudenza prevalenti nostrana, l-indaġini ta' dina l-Onorabbli Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati kif inhi limitata t-talba ai termini tal-Art. 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah jgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames (5) snin minn meta seta' jiġi esegwit l-imsemmi titolu u d-dejn għadu mhuwiex saldat u dan ai termini tal-Art. 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li r-rikorrent għandu: 'jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn; li jkun qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.'*

Rat ir-Risposta ta' **Robert Micallef** (K.I. Numru 137874M) (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2018, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talba mressqa mir-rikorrent George Spiteri permezz tar-rikors odjern hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Fl-ewwel lok f'dak illi jirrigwarda l-kambjala illi skadiet fil-31 ta' Awwissu 2010, it-talba mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti mir-rikorrent Spiteri tinsab preskritta ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13);*

2. *Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju r-rikors odjern huwa legalment insostenibbli in kwantu illi r-rikorrent Spiteri qiegħed jitlob l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv indikat fl-istess rikors fi stadju meta t-titolu in kwistjoni għadu mhux esegwibbli skont il-liġi. Hekk kif osserva r-rikorrent innifsu fir-rikors minnu mressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-proċeduri rispettivament inizjati mill-esponent u mill-klabb intimat u li jittrattaw proprju t-titolu eżekuttiv su-riferit (1081/15 LM u 188/16 LM) għadhom sub judice b'dan illi din il-Qorti għadha ma ppronunzjatx ruħha dwar it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu de quo;*

   *Illi hija evidentement inġustifikata u insostenibbli t-talba odjerna mressqa da parti tar-rikorrent Spiteri fi stadju meta (i) huwa għad m'għandux titolu eżekuttiv esegwibbli f'idejh; u (ii) għadha teżisti l-possibilità illi jiġu milqugħa t-talbiet rispettivi għas-sospensjoni kif imressqa mill-intimati hawn imsemmija;*

   *Illi fil-każ illi kellhom jiġu miċħuda t-talbiet għas-sospensjoni illi jinsabu pendenti kif fuq premess, il-liġi stess tipprovdi illi ma jeżistix dritt ta' appell u għalhekk ftit tinftiehem ir-referenza fir-rikors odjern għal xi 'xkiel ulterjuri' f'dan il-kuntest;*

3. *Illi fit-tielet lok ukoll mingħajr preġudizzju illi fi kwalsiasi każ ir-rikors odjern u t-talba hemmhekk kontenuta għandha titqies bħala intempestiva fiċ-ċirkostanzi fuq dettaljati;*

4. *Illi fir-raba' lok ukoll mingħajr preġudizzju r-rikors odjern jikkostitwixxi wkoll tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex iżid mal-pretensjonijiet minnu vvantati fl-ittra uffiċjali 3551/15 fejn kienet saret interpellazzjoni għall-ħlas tas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) rappreżentanti l-import tal-ħames kambjali*

*hemmhekk indikati, u dan bl-imgħax dekors b'effett mid-data ta' maturità ta' kull waħda mill-istess kambjali sal-pagament effettiv. Jiġi osservat illi fir-rikors odjern ir-rikorrent jippremetti: 'Illi l-partijiet ftiehmu illi kellu jiddekorri l-imgħax bl-ogħla rata permessa f'każ illi kwalunkwe waħda mill-imsemmija kambjali ma tiġix onorata.' Dan però ma jirriflettix il-kontenut tal-ittra uffiċjali illi għażel illi jippreżenta l-imsemmi rikorrent fis-sena 2015 u li fir-rigward tagħha għad hemm pendenti żewġ proċeduri quddiem din l-istess Onorabbli Qorti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat illi l-klabb intimat (Marsaxlokk Football Club) għad illi ġie nnotifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, dan la ppreżenta risposta u lanqas kien rappreżentat minn avukat f'dawn il-proċeduri.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018, li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għal-lum għal provvediment.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrent ressaq il-pretensjoni tiegħu ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tirriavviva t-titolu eżekuttiv li hu akkwista wara l-iffirmar tal-kambjali indikati minnu fir-rikors promotur. Dan il-provvediment qiegħed jingħata fi stadju wara li din l-istess Qorti diġà ddeċidiet dwar żewġ talbiet imressqa mill-intimati separatament sabiex ikun hemm sospensjoni għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali,

liema talbiet iżda ġew miċħuda minn din il-Qorti kif preseduta bid-deċiżjonijiet li ngħataw minnha stess fis-27 ta' Marzu, 2018[1], sabiex b'hekk ġie stabbilit li l-intimati Robert Micallef u Marsaxlokk Football Club għandhom jitqiesu bħala debituri *in solidum* fil-konfront tar-rikorrent.

Ir-rikorrent kellu jirċievi s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000) mingħand l-intimati, wara li dawn aċċettaw li ibnu Andrew Spiteri, li huwa plejer tal-futbol, jibda jilgħab mal-klabb intimat, u dan wara li permezz ta' kuntratt iffirmat fl-14 ta' Diċembru, 2009, l-intimati kienu ntrabtu li jħallsu lura dan l-ammont permezz ta' ħames (5) kambjali li kienu jimmaturaw fil-31 ta' Awwissu 2010, fil-31 ta' Awwissu 2011, fil-31 ta' Awwissu 2012, fil-31 ta' Awwissu 2013 u fit-30 ta' Mejju 2014. Jirriżulta li mill-ammonti dovuti, l-intimati għadhom ma ħallsu xejn lir-rikorrent u dan minkejja li ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali numru 3551/15, liema proċedura l-intimati kkontestaw mingħajr suċċess. Ir-rikorrent ressaq il-proċeduri odjerni sabiex tkun il-Qorti li tawtorizza li jiġi riavvivat it-titolu eżekuttiv naxxenti mill-imsemmija kambjali.

L-intimat Robert Micallef wieġeb li l-azzjoni tar-rikorrent fir-rigward tal-ewwel kambjala, dik dovuta fil-31 ta' Awwissu, 2010, hija preskritta stante li l-ittra uffiċjali 3551/15 ġiet notifikata lilu fit-28 ta' Ottubru, 2015, meta kienu għaddew aktar minn ħames snin mid-data meta kellha titħallas l-ewwel kambjala. L-eċċezzjonijiet l-oħrajn mressqa mill-intimat Robert Micallef huma fis-sens li meta r-rikorrent ressaq ir-rikors odjern, il-Qorti kienet għadha ma ppronunzjatx ruħha dwar jekk l-eżekuzzjoni tal-kambjali inkwistjoni għandhiex tiġi sospiża jew le, u in vista ta' dan l-intimat eċċepixxa li r-rikors odjern huwa

[1] Rikorsi numru 188/2016 u 1081/2015.

wieħed intempestiv. Madanakollu dawn l-eċċezzjonijiet illum ġew sorvolati stante li l-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha fir-rigward, u ġie stabbilit li l-intimati għandhom jitqiesu li huma responsabbli għall-ħlas tal-kambjali *in solidum*.

Il-klabb intimat baqa' ma ppreżentax risposta u għażel li ma jkunx rappreżentat f'dawn il-proċeduri.

## Provi u riżultanzi

Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-iskrittura ffirmata quddiem l-avukat Malcolm Cassar[2] bħala xhud tal-firem, bid-data tal-14 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha Robert Micallef u Marsaxlokk Football Club kkostitwew ruħhom debituri ta' George Spiteri għall-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000). Fost il-kundizzjonijiet li jirregolaw dan il-ftehim, kien hemm il-klawsola li:

> *"The above sum of forty five thousand Euro (€45,000) is owed by the debtors to the creditor as payment for the granting of permission for Andrew Spiteri to provide professional services to Marsaxlokk FC. Nonetheless should the said Andrew Spiteri provide his services to another club up until 31/05/2014, and during the subsistence of this contract, then the outstanding balance payable to the said George Spiteri shall be due immediately and not as listed above."*

**George Spiteri,** ppreżenta *affidavit*[3], li permezz tiegħu kkonferma bil-ġurament li s-somma kollha indikata fil-ftehim u l-kambjali annessi mar-rikors promutur, ammontanti għal ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000), eskluż l-imgħaxijiet, rappreżentanti prezz għat-trasferiment tal-plejer Andrew Spiteri

[2] *A fol.* 3 tal-proċess.
[3] *A fol.* 26 tal-proċess.

mal-klabb intimat, għadha dovuta mill-intimati Robert Micallef u Marsaxlokk FC *in solidum* u *in toto* u li sal-ġurnata li fiha ġie maħluf l-a*ffidavit* (it-8 ta' Mejju, 2018), dan l-ammont kien għadu ma tħallasx.

**Konsiderazzjonijiet legali**

L-artikolu 253 jistabbilixxi illi l-kambjala hija għodda li tagħti lill-kreditur titolu eżekuttiv, li sabiex jiġi eżegwit iridu l-ewwel jgħaddu jumejn minn meta jkun hemm in-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.[4] Fil-każ odjern, ir-rikorrent bagħat ittra uffiċjali sabiex jirrendi eżegwibbli l-kambjali li mmaturaw fuq medda ta' ħames snin, liema ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-intimat Robert Micallef wara li kien skada t-terminu ta' ħames snin mill-maturità tal-ewwel kambjala. Hu għalhekk li l-intimat Micallef isostni li l-azzjoni odjerna ttentata mir-rikorrent hi preskritta fil-konfront tal-ewwel kambjala, u jinvoka l-artikolu 542 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta (il-Kodiċi tal-Kummerċ)[5] in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu li l-perijodu ta' preskrizzjoni għal azzjoni kambjarja huwa ta' ħames snin. Dwar dan il-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruħha bil-mod segwenti, f'sentenza mogħtija nhar it-28 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet **Carmel sive Charles Grech *vs.* Philip Degiorgio et**:

> "Il-preskrizzjoni tal-azzjoni kambjarja hija regolata mill-Kodiċi tal-Kummerċ (ara **Orlando Crescimano *vs.* Mirabita, Vol. X. P. 780**) u taqa' perenta bid-dekors ta' ħames snin mid-data tal-maturità tagħha (ara **Barbara *vs.* Ciantar,** Kummerċ, 8 t'Awwissu, 1876, Vol. VII p. 606, u **Galea *vs.* Gabriele, Appell,** 26.03.1915, Vol. XXII – I – p. 364). L-azzjoni kontra d-debitur tista' tiġi eżerċitata fi kwalunkwe

[4] L-artikolu 256 (2) tal-Kap. 12.

[5] "... l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew *promissory notes*, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak inhar li jagħlqu."

żmien sakemm l-azzjoni kambjarja tiskadi (ara **Dr Vella *vs.* Hon. Darmanin,** Kummerċ, 28.11.1899, Vol. XVII – III – p. 47).”

Din il-Qorti diġà għamlet riferiment għall-fatt li l-ittra uffiċjali 3551/15, ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta’ din il-Qorti wara d-dekors ta’ ħames snin minn meta mmaturat l-ewwel kambjala[6], u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut Robert Micallef li l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta inkwantu tolqot l-ewwel kambjala, dik li mmaturat fil-31 t’Awwissu 2010, qiegħda tintlaqa’ biss fil-konfront tal-konvenut Robert Micallef, u dan in vista tal-fatt li l-klabb konvenut ma ressaq l-ebda eċċezzjoni f’dan ir-rigward.

Din il-Qorti kellha l-okkażjoni tippronunzja ruħha diversi drabi dwar ir-rikorsi mressqa ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-iskop tagħhom x’inhu. Hekk per eżempju, f’deċiżjoni mogħtija nhar il-11 ta’ Lulju, 2016, fl-ismijiet **Joseph Lia *vs.* Carmelo sive Charles Muscat,** il-Qorti qalet hekk:

> “Illi l-artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta’ titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu esegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista’ ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista’ titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258.”

F’sentenza oħra fl-ismijiet **Joseph Seychell *vs.* Carmel u Carmen konjugi Mangion,** mogħtija nhar is-16 ta’ Diċembru, 2015, il-Qorti qalet hekk:

> “L-artikolu tal-liġi li a bażi tiegħu qiegħda ssir din il-proċedura, ċioe l-artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta’ żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista’ jiġi ravvivat b’din il-proċedura. Ir-rikors li jsir a bażi tal-artikolu 256

[6] Rikors 1081/15.

(2) tal-Kap. 12 iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tawtorizza li t-titolu eżekuttiv li għadda minn fuqu ż-żmien stipulat mil-liġi skont l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, jiġi ravvivat, biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih esegwibbi mill-ġdid.

Billi jidher li għaddew aktar minn tliet snin[7] minn meta setgħu jiġu esegwiti l-kambjali in kwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-esegwibbilità tiegħu skont l-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jiġi esegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit bil-liġi ta' tliet (illum ħames) snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċioe li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta' April, 2012, fl-ismijiet **Bank of Valletta plc *vs.* Refco Co. Ltd. U Paul u Marika miżżewġin Ciantar:**

Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċioe li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati."

Il-Qorti kkunsidrat li l-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrent għall-ħlas tal-ammonti dovuti bis-saħħa tal-kambjali inkwistjoni, kellha tiġi ppreżentata qabel l-iskadenza tal-ħames snin minn meta l-ewwel kambjala kellha titħallas, altrimenti t-talba tkun waħda preskritta. Il-Qorti kkunsidrat ukoll id-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Marzu, 2014 minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Eileen Busietta *vs.* Adrian Busietta,** fejn ġie stabbilit dan li ġej:

[7] Bis-saħħa tal-emendi introdotti bl-Att numru IV tal-2016, il-liġi llum tistipula li tali terminu għandu jkun ta' ħames (5) snin.

> "Illi fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-proċedura maħsuba fl-artikolu 258 tgħodd biss meta jkun għadda ż-żmien li titolu eżekuttiv ikun għadu esegwibbli u sewwasew biex jingħata l-provvediment biex jerġa' jsir esegwibbli mill-ġdid, jiġi li din il-proċedura ma tistax tintuża fejn iż-żmien imsemmi dwar it-titolu eżekuttiv li jkun ma jkunx għadda kollu jew ma jkunx beda għaddej. Fi kliem ieħor, il-ħsieb tal-artikolu 258 mhuwiex dak li tiddikjara lill-parti intimata bħala persuna midjuna, iżda biss biex tirrendi t-titolu esegwibbli mill-ġdid. Fejn it-titolu huwa esegwibbli u għadu m'għaddiex iż-żmien tal-effettività tiegħu, ma hemmx bżonn tar-rimedju taħt l-artikolu 258."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, jirriżultaw ġustifikati t-talbiet tar-rikorrent fir-rigward tal-ewwel tliet kambjali. Madanakollu in vista tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-intimat Robert Micallef fir-rigward tal-ewwel kambjala li mmaturat, il-Qorti qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni biss fir-rigward tal-ewwel kambjala li mmaturat, u fil-konfront ta' Robert Micallef biss. Fir-rigward tal-klabb konvenut Marsaxlokk Football Club, jirriżulta li r-rikorrent għandu titolu eżekuttiv eżegwibbli fir-rigward tal-ewwel tliet kambjali, li mmaturaw fil-31 t'Awwissu 2010, fil-31 t'Awwissu 2011, u fil-31 t'Awwissu 2012, rispettivament u dan in vista tal-fatt li l-klabb intimat baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta f'dawn il-proċeduri, u għaldaqstant ma tistax il-Qorti tapplika hi minn jeddha l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Robert Micallef limitatament għar-rigward tal-ewwel kambjala li mmaturat fil-31 t'Awwissu, 2010;**

**2. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Robert Micallef;**

**3. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kwantu għall-kambjali li mmaturaw fil-31 t'Awwissu, 2011 u fil-31 t'Awwissu, 2012 fir-rigward tal-intimat Robert Micallef, u kwantu għall-kambjali li mmaturaw fil-31 ta' Awwissu, 2010, fil-31 ta' Awwissu, 2011 u fil-31 ta' Awwissu, 2012 fir-rigward tal-klabb konvenut Marsaxlokk F.C., sabiex b'hekk ir-rikorrent jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu fir-rigward tal-ammonti rappreżentati f'dawn il-kambjali.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimati.**

Moqrija.